MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1025/2002

**Dottor Hugh Peralta LL.D. bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Almacenes Bentolila S.L.**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont DEM 48,952.40 ekwivalenti ghal cirka ghaxart elef tliet mija wiehed u sittin liri Maltin (Lm10,361) rapprezentanti ta' rifuzjoni ta' hlas ta' xiri ta' merkanzija ordnata mis-socjeta` attrici minghand is-socjeta` konvenuta, liema merkanzija

qatt ma giet ikkonsenjata lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta;  liema hlas gie maghmul skond ma jidher mid-Dok. Ittra “A” anness mac-citazzjoni;

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex is-socjeta` konvenuta tibghat il-merkanzija lis-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ ghaxart elef tliet mija wiehed u sittin liri Maltin (Lm10,361) huwa cert, likwidu u esigibbli, u safejn jaf l-attur nomine, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta’ dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavit ta’ l-Avukat Dottor Hugh Peralta fil-kwalita` tieghu premessa;

Talbet illi din il-Qorti:

1. taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);  u

2. tiddikjara lill-kumpanija konvenuta debitrici tal-kumpanija attrici fl-ammont ta’ ghaxart elef tliet mija wiehed u sittin liri Maltin (Lm10,361) dovuti bhala rifuzjoni ta’ pagament indebitu;

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess attur nomine s-somma ta’ ghaxart elef tliet mija wiehed u sittin liri Maltin (Lm10,361) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar ‘il fuq.

Bl-imghax mid-data tal-hlas u cioe` mit-23 ta’ Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez, inkluzi wkoll dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentati kontestwalment mac-citazzjoni, kollox kontra s-socjeta` konvenuta, u b’riserva ta’ danni ulterjuri.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Hugh Peralta u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm